*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,623, 13 ta' Lulju, 2004*
*Taqsima B*

**A.L. 359 ta' l-2004**

## ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

### Regolamenti ta' l-2004 dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ ta' Vetturi fl-Mdina

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54(2)(g) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, bi ftehim mal-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolament hu Regolament ta' l-2004 dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ ta' Vetturi fl-Mdina. Titolu.

**2.** Ebda vettura, ħlief karrozzin, ma tista' tidħol f'xi triq jew pjazza fl-Mdina u lanqas tiċċirkola f'dik il-belt f'ebda ħin. Vetturi li ma jistgħux jidħlu.

**3.** Minkejja d-disposizzjonijiet tar-regolament 2:- Eċċezzjonijiet.

(a) vetturi li jkollhom liċenza f'isem residenti ta' l-Mdina, vetturi tat-tiġijiet, ambulanzi, vetturi tat-tifi tan-nar u vetturi tal-pulizija, vetturi tal-mejtin u vettura waħda tal-funeral, u vetturi użati minn tobba msejħin biex jinvistaw persuni fl-Mdina, għandu jkollhom kull dritt ta' dħul u passaġġ hemmhekk f'kull ħin;

(b) vetturi kummerċjali li jikkunsinnaw jew ibiegħu oġġetti fl-Mdina jkunu jistgħu jiċċirkolaw fl-Mdina għal dawk l-għanijiet, bejn is-6.00 u l-10.30 ta' fil-għodu u bejn it-3.30 u l-5.00 ta' wara nofsinhar fil-ġranet kollha;

(ċ) *mini-buses*, mikrijin biex iwasslu tfal li jattendu skejjel fl-Mdina, jistgħu jiċċirkolaw fl-Mdina bejn is-7.30 u d-9.00 ta' fil-għodu u bejn is-1.00 u s-2.00 ta' wara nofsinhar fil-ġranet ta' l-iskola;

(d) *taxi-cars*, u karrozzi mikrija bix-xufier, ikollhom biss aċċess u passaġġ fl-Mdina, mingħajr parkeġġ, biex iwasslu residenti minn u lejn lukandi u residenzi fl-Mdina.

Il-Kunsill Lokali Mdina jista' jaghti permessi ghal dhul temporanju.

**4.** (1) Il-Kunsill Lokali Mdina jista' jagħti permess biex vetturi jidħlu u jiċċirkolaw fil-belt ta' l-Mdina għal xi għan jew raġuni speċifika b'dawk il-kondizzjonijiet li l-Kunsill Lokali Mdina jista' jidhirlu xieraq li jimponi.

Formola biex issir applikazzjoni.

(2) L-applikazzjoni għall-permess imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandha ssir bil-miktub fuq il-formola apposta li hemm fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni, u dik l-applikazzjoni għandha tiġi pproċessata mill-Kunsill Lokali Mdina wara li jsir ħlas amministrattiv ta' Lm1 lill-Kunsill Lokali Mdina għal kull applikazzjoni.

Il-permess jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

(3) Dak il-permess għandu jkun bil-miktub u jiġi ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Mdina, u għandu jintwera fil-vettura b'tali mod li dan ikun jista' jidher u jinqara minn barra l-vettura f'kull ħin li l-vettura tkun fl-Mdina.

Il-permess ma jaqbiżx 12-il xahar u mhuwiex trasferibbli.

(4) Dak il-permess għandu jinħareġ għal perjodu li ma jkunx aktar minn 12-il xahar mid-data tal-ħruġ tiegħu u dan la jkun trasferibbli għal xi persuna oħra u lanqas għal xi vettura oħra.

Ihassar A.L. 33 ta' l-1988.

**5.** Ir-Regolamenti ta' l-1988 dwar Restrizzjoni ta' Dħul u Passaġġ fl-Imdina, huma b'dan imħassra.

**Skeda**

(Regolament 4(2))

(Stemma)

Kunsill Lokali Mdina

**APPLIKAZZJONI GĦALL-PERMESS TEMPORANJU GĦAL DĦUL BIL-VETTURA FL-MDINA**

***Dettalji ta' l-Applikant***

Data ta' l-Applikazzjoni: ______________________

Isem u Kunjom: ______________________

Indirizz: ______________________

Nru. tat-Telefon: ____________________ Nru. tal-Mobile: ____________________

Nru. tal-Karta ta' l-Identità: ______________________

Għaliex se jsir id-dħul fl-Mdina: ______________________

______________________

Perjodu li matulu jinħtieġ il-permess:

Minn ____________________ sa ____________________

Ħin: Bejn___________ u ____________

Firma: __________________________

---

**GĦALL-UŻU TA' L-UFFIĊĊJU**

Data meta l-applikazzjoni tasal għand il-Kunsill: ________________________

Dritt ta' Lm1 imħallas, Riċevuta Nru. _________ Permess maħruġ: IVA____ LE____

Kondizzjonijiet speċjali magħmula mill-Kunsill: ______________________

______________________

Il-permess hu validu minn ______________________ sa ____________________

_________________________ Firma tas-Sindku

_________________________ Firma tas-Segretarju Eżekuttiv

**L.N. 359 of 2004**

## TRAFFIC REGULATION ORDINANCE
## (CAP. 65)

### Mdina (Restriction of Access and Transit of Vehicles) Regulation, 2004

IN EXERCISE of the powers conferred by article 54(2)(g) of the Traffic Regulation Ordinance, the Minister for Urban Development and Roads, in consultation with the Malta Transport Authority, and in concurrence with the Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affiars, has made the following regulations:-

Title.

**1.** The title of these regulations is the Mdina (Restriction of Access and Transit of Vehicles) Order, 2004.

Vehicles prohibited access.

**2.** No vehicle, other than *karrozzin*, shall have access to any street or square inside Mdina nor circulate within that city at any time.

Exceptions.

**3.** Notwithstanding the provisions of regulation 2 –

(a) vehicles licensed in the name of residents of Mdina, bridal cars, ambulances, fire-fighting and police vehicles, hearses and one funeral car, and vehicles being used by doctors on call on a person within Mdina, shall have complete access and transit therein at all times;

(b) commercial vehicles delivering or selling goods within Mdina may circulate within Mdina for such purposes between 6.00a.m. and 10.30a.m. and between 3.30p.m. and 5.00p.m. on all days;

(c) mini-buses, hired for the conveyance of children attending schools within Mdina, may circulate within Mdina between 7.30a.m. and 9.00a.m. and between 1.00p.m.and 2.00p.m. on schooldays;

(d) taxi-cars and chauffeur driven cars shall only have access and transit therein, without parking, to transport residents to and from hotels and residences in Mdina.

**4.** (1) The Mdina Local Council may grant a permit for vehicles to enter and circulate within the city of Mdina for a specific purpose or reason under such conditions as the Mdina Local Council may deem proper to impose.

Mdina Local Council may grant permit for temporary access.

(2) The application for the permit referred to in subregulation (1) hereof shall be in writing on the appropriate form appearing in the Schedule to this order, and such application shall be processed by the Mdina Local Council following the payment to the Mdina Local Council of an administration fee of LM 1 for each application.

Form of application.

(3) The said permit shall be in writing and signed by the Mayor and the Executive Secretary of the Mdina Local Council, and shall be displayed within the vehicle in such a manner that it may be seen and read from outside the vehicle at all times that the vehicle is within Mdina.

Permit to be signed by Mayor and Executive Secretary.

(4) The said permit shall be issued for a period which does not exceed twelve months from the date of issue, and it shall be neither transferable to any other person or to any other vehicle.

Permit not to exceed twelve months and is not transferable.

**5.** The Mdina (Restriction of Access and Transit of Vehicles) Regulations, 1988 are hereby repealed.

Repeals L.N. 33 of 1988.

**Schedule**

(Regulation 4(2))

(Mdina Coat -of -Arms)

Mdina Local Council

## APPLICATION FOR A TEMPORARY PERMIT FOR VEHICLES TO ENTER MDINA

***Details of Applicant***

Date of Application: ______________________

Name and Surname: ________________________________________________

Address: _________________________________________________________

Tel. No: ___________________________ Mobile No: ___________________

I.D. Card No: ________________________

Reason for entering Mdina:__________________________________________

________________________________________________________________

Period for which permit is requested:

From ________________________ to ________________________________

Time: From ______________ to _______________

Signature: ______________________

---

## FOR OFFICIAL USE

Date when application is received by the Council: ________________________

Lm1 fee paid, Rec. No: __________ Permit issued: YES _______ NO ________

Special conditions by Council: _______________________________________

________________________________________________________________

Permit valid from: ____________________ to ___________________________

________________________ ________________________

Signature Mayor Signature Executive Secretary